



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2020/0673/EE (Estonia)

Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill tal-Belt ta' Tallinn dwar restrizzjonijiet fuq il-bejgħ bl-imnut ta' xorb alkoħoliku

Data tal-wasla : 27/10/2020

Tmiem tal-Waqfien : 28/01/2021

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2020) 03875

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2020/0673/EE

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidējimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéket - Ma' jiftaħx il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 202003875.MT)

1. MSG 002 IND 2020 0673 EE MT 27-10-2020 EE NOTIF

2. EE

3A. Majandus- ja Kommunikatsiooniministeerium, siseturuosakond, toote ohutuse ja tarbijakaitse talitus

e-post: el.teavitamine@mkm.ee

tel: 00 372 6256 405

3B. Tallinna linn Tallinna Ettevõtlusameti kaudu

e-post: ettevotlus@tallinnlv.ee

tel: 00 372 6404 218

4. 2020/0673/EE - C50A

5. Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill tal-Belt ta' Tallinn dwar restrizzjonijiet fuq il-bejgħ bl-imnut ta' xorb alkoħoliku

6. Prodotti tal-ikel u xorb mhux alkoħoliku (minbarra toniċi, ilma, meraq, sidri mhux alkoħoliċi u birer mhux alkoħoliċi).

7. - id-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern

- Restrizzjonijiet kwantitattivi jew territorjali

- Il-bejgħ bl-imnut ta' spirti mhuwiex permess f'ħanut fi stazzjon tal-mili jew ħanut li jinsab fil-viċinanza ta' stazzjon tal-mili jekk id-distanza bejn id-dħul fil-ħanut u l-eqreb pompa tal-mili tkun inqas minn 15 m.

8. 1. Il-bejgħ ta' prodotti tal-ikel u xorb mhux alkoħoliku, minbarra t-toniċi, ilma, meraq, sidri mhux alkoħoliċi u birer mhux alkoħoliċi, mhuwiex permess f'punt tal-bejgħ li jispeċjalizza fil-bejgħ bl-imnut ta' xorb alkoħoliku.



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

Il-verżjoni l-ġdida tar-Regolament tipprojbixxi l-bejgħ ta' oġġetti mmirati lejn minuri fil-firxa ta' prodotti ta' ħanut li jispeċjalizza fil-bejgħ bl-imnut ta' xorb alkoħoliku.

2. Il-bejgħ bl-imnut ta' spirti mhuwiex permess f'ħanut fi stazzjon tal-mili jew ħanut li jinsab fil-viċinanza ta' stazzjoni tal-mili jekk id-distanza bejn id-dħul fil-ħanut u l-eqreb pompa tal-mili tkun inqas minn 15 m.

Id-dispożizzjoni effettiva bħalissa tipprojbixxi l-bejgħ ta' spirti fil-ħwienet ta' stazzjonijiet tal-mili. Huwa maħsub li din ir-restrizzjoni tinżamm ukoll fil-verżjoni l-ġdida.

9. 1. Fi tmiem l-2019, ġie stabbilit li sa 5 % tal-firxa ta' prodotti (f'ċerti każijiet sa 10 %) ta' ħwienet li jispeċjalizzaw fil-bejgħ bl-imnut ta' xorb alkoħoliku f'Tallinn huma mmirati lejn minuri. Prodotti tal-ikel bħal dawn jinkludu fuq kollox ġelati, luminati, gallettini, ċipps tal-patata, lollipops, eċċ. Għalhekk, anke minuri jżuru ħwienet li jispeċjalizzaw fil-bejgħ bl-imnut ta' xorb alkoħoliku - prinċipalment tfal tal-iskola u żgħażaġħ u anke mingħajr adulti li jkunu qed jakkumpanjawhom. Il-bqija tal-firxa ta' oġġetti f'tali ħanut tikkonsisti prinċipalment f'xorb alkoħoliku, u sa ċertu punt, anke prodotti tat-tabakk u oġġetti relatati magħhom. Ħwienet bħal dawn ma jbigħux prodotti tal-ikel konvenzjonali (bħal ħobż, ħalib jew butir). Il-bejgħ ta' prodotti tal-ikel u xorb mhux alkoħoliku mmirat lejn minuri fi ħwienet bħal dawn ma jikkonformax mal-valuri u l-attitudnijiet soċjetali predominanti. L-għan tar-restrizzjoni huwa li jitnaqqas l-esponiment taż-żgħażaġħ għax-xorb alkoħoliku u l-kuntatt tagħhom ma' persuni li jkunu kkunsmaw l-alkoħol jew li għandhom hangover.

2. Skont stħarriġ li sar fil-belt ta' Tallinn fl-2015, minn fost xorb alkoħoliku, l-irġiel jippreferu b'mod partikolari l-ispirti flimkien mal-birra. Din ir-restrizzjoni tagħmilha possibbli li tkun limitata d-disponibbiltà tal-alkoħol u tiġi mifruxa l-fehma li l-konsum ta' alkoħol u s-sewqan huma inkompatibbli. Il-projbizzjoni kemm tal-alcopops kif ukoll tal-ispirti fil-ħwienet tal-istazzjonijiet tal-mili li jinsabu f'Tallinn kienet tkun restrizzjoni aktar intensa ta' dritt fundamentali. Il-belt ta' Tallinn ma teskludix din l-għażla għall-futur, iżda meta wieħed iqis il-proporzjon tal-konsum tal-ispirti u l-fatt li l-ispirti jaffettwaw il-ġisem b'rata ferm aktar mgħaġġla mill-alcopops, il-bejgħ tal-ispirti kien ipprojbit fil-ħwienet tal-istazzjonijiet tal-mili. Din ir-restrizzjoni ma kinitx intensa ħafna min-natura tagħha u ma kkawżatx l-għeluq tal-ħwienet tal-istazzjonijiet tal-mili, li jidher mill-fatt li nbnew aktar ħwienet tal-istazzjonijiet tal-mili f'Tallinn wara li ġiet imposta r-restrizzjoni (eż. il-katina tal-istazzjon tal-mili Olerex fl-2014 - 8, fl-2020 - 16, il-katina tal-istazzjon tal-mili ta' Alexela fl-2014 - 2, fl-2020 - 5).

10. Referenza/i għat-test(i) bażiku/bażiċi: Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill tal-Belt ta' Tallinn Nru 30 tat-18 ta' Settembru 2008 dwar restrizzjonijiet fuq il-bejgħ bl-imnut ta' xorb alkoħoliku

Att dwar l-Alkoħol

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. -

16. Aspett OTK



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs

Single Market Enforcement

Notification of Regulatory Barriers

Le - l-abbozz ta' Regolament m'għandu l-ebda impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspett SPS

Le - l-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja.

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

Fax: +32 229 98043

email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu